MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħ'Attard

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 17

30 ta' Settembru 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħ'Attard iltaqa' fis-Sala tal-Bini Amministrattiv tal-Kunsill, li jinsab fi Ġnien Ħal Warda, Triq Ħal Warda, Ħ'Attard, fis-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:
STEFAN CORDINA – Sindku
Alexander Louis Mangion – Viċi Sindku
Nicole Portelli - Kunsillier
Remigio Bartolo – Kunsillier
Paul Ciantar – Kunsillier
Ralph Cassar– Kunsillier
Martin Musumeci– Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Helen Caruana – Kunsillier
John P. Bonnici – Kunsillier

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Marica Mifsud Mintoff - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, is-Sur Stefan Cordina ppresjieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fil-5.33pm. Kulħadd, minn dawk li kellhom ikunu preżenti fuq il-post, kienu preżenti fil-ħin, bl-eċċezzjoni tas-Sur Alex Mangion u Dr. Martin Musumeci.

## 17.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

17.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kellha l-ittra t'apoloġija tas-Sur Alex Mangion u li Dr. Martin Musumeci kellu jasal ftit tard.

## 17.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

17.2.1 Il-Minuti tal-laqgħa Nru. 16 ġew approvati wara li Dr. Caruana saqsiet punt 16.4.1, għal-liema ġnien kien qed jirreferi. Ġie kjarifikat li l-finanzjament li qed jiġi riferut f'punt 16.5.1 hu relatat ma' Ġnien tal-Fuklar u punt 16.4.1 għal dak ta' Ġnien il-Palma. Hi spjegat ukoll li bħalha proġett jidħol fil-kotba tal-Kunsill xorta bħalha *deferred income* minħabba li l-kuntrattur qed jitħallas mill-Kunsill wara li jiġu riċevuti l-fondi sakemm il-proġett jiġi kapitaliżżat

## 17.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

17.3.1 *Uffiċini ġodda*

Is-Sur Cordina qal li kien hemm spezzjoni mill-Perit tas-CRPD, u l-Perit sab li d-desk tal-uffiċċini ta' quddiem mhux konformi minħabba li mhux 76cm mill-għoli, id-*disabled tiolet* għandu l-bieb wiesa' 0.80m mhux 0.90m, jonqos xi *bars,* u r-rampa tal-entratura mhix konformi għax trid tkun maximum 1.5cms. Rigward il-lift qal li dan qiegħed 1.2m x 1.4m imma jrid jiġi 0.97mx1.23m u minn ħġieġ irid jiġi *standard for existing buildings.*

17.3.2 *Bar Attard Football Club*

Is-Sur Cordina qal li ntbagħtet ittra bl-Avukat lis-sidien, minħabba l-imwejjed u s-siġġijiet ta' taħt il-Kunsill liema mwejjed u siġġijiet huma bla permess tal-Kunsill. Hu qal li tul is-snin kien hemm diversi sidien, imma qatt ħadd mis-seba ma ħa l-id sew bl-umbrelel, kif ukoll b'dawn l-imwejjed u siġġijiet, għalkemm puliti li waslu sal-bieb tal-entratura tal-Kunsill. Barra minn hekk żdiedu drastikament l-imwejjed u s-siġġijiet għax bihom ukoll wasal sal-entratura. Kopja tal-ittra qed tiġi riprodotta hawn

taħt:

**Dr. Matthew Bondin LL.D.**

**AVUKAT**

203/2, Vincenti Buildings, Triq il-Fran, Valletta
Tel. 27015371, Fax 27016571

25/08/2025

**Elvia Granata**
Attard Football Club
Triq Hal Warda
Attard

Niktiblek ghan-nom u fl-interess tal-Kunsill Lokali Attard u naghmel referenza ghall-attivitajiet kummercjali li qeghdin jigu kondotti minnek fil-binja tal-Attard Football Club u b'mod partikolari fuq barra tal-istess binja, ossia fil-gnien pubbliku.

Il-mittent jaghmel referenza fost l-ohrajn, ghat-tisjir li qieghed isir fil-binja bil-konsegwenza li l-irwejjah qeghdin jinxtammu mill-ufficini tal-istessKunsill. Issir referenza wkoll ghat-tqeghid abbuziv ta' numru kbir ta' mwejjed u siggijiet u ghall-installazzjoni ta' diversi umbrellel kbar.

M'hemmx dubju li din l-attvita' mihiex koperta bil-premessi kollha necessarji mid-diversi entitajiet u ghalhekk il-mittent qieghed jissollecitak sabiex tiehu hsieb illi tnehhi kwalunkwe illegalita' b'mod immedjat.

Fin-nuqqas, il-mittent ser ikun kostrett jipprocedi kontra tieghek ulterjorment bil-mezzi kollha li taghtih il-Ligi.

Il-Kunsill mittent qieghed ukoll izommok responsabbli ghal kwalukwe hsarat u danni ohra kkagunati fi proprjeta' li hija pubblika.

Tant sabiex taghraf timxi u tirregola ruhek.

**Av. Matthew Bondin**

Kopjata: Attard Football Club

Hu kompla jgħid li dawn l-umbrelel huma bla ċertifikat ta' *Health and Safety* u allaħares qatt jiġri xi aċċident jeħel il-Kunsill. Barra minn hekk qal ukoll li trid tinġabar il-miżata, kif kompliet is-Segretarju Ezekuttiv skont il-*bye-law* fi ħdan il-Kunsill Lokali Ħ'Attard, bl-*area* li qed juża b'żewġ opzjonijiet li jew ineħħi l-ewwel umbrella,

mwejjed u siġġijiet minn mal-entratura tal-Kunsill jew jagħmel l-istess imma jitfa' l-umbrella l-oħra fuq in-naħa l-oħra.

Is-Sur Paul Ciantar saqsa il-Kunsill ikunx jista' jitterminalu? Is-Sur Cordina qal li iva jekk tinkiser il-liġi hemm ċertu termini u kundizzjonijiet li l-Kunsill irid jimxi fuqhom biex jiġi ssalvagwardjat u jekk ikun hemm bżonn, hawnhekk irrisponda wkoll lis-Sur Bartolo li saqsa jekk jibqa' ma jirrispondix x'jiġri, issir ukoll laqgħa mal-klabb tal-futbol.

Is-Sur Cassar saqsa fuq blokok bojod fuq barra fejn l-entratura. Saret diskussjoni fuq iċ-ċilindri tal-gas li kienu ta' periklu fuq ġewwa u li issa qegħdin fuq barra wara dawn il-blokok bojod. Semma wkoll il-mużika għolja. Is-Sur Cordina qal li qatt ma kien hemm ilmenti ħlief wieħed u dejjem għamel il-permessi regolari.

Kulħadd qabel li għandha tintbagħat ittra bl-area ikkubata, u ssir laqgħa biex kollox ikun *in order.*

17.3.3 ***Kunsill tat-Tfal***

Qal li ġie mistieden mill-E.T. Marie Louise Coleiro Preca għall-attività tal-Kunsill Lokali tat-Tfal fejn kien hemm preżenti l-Kunsill tat-Tfal kemm ta' Ħ'Attard kif ukoll Ħal Balzan. Hu qal li dawn issuġġerew ġurnata, tkun is-Sibt mid-9 sas-1pm, ta' Sport f'Novembru u ssir b'kollaborazzjoni bejn iż-żewġ kunsilli u ħarġu b'idejat fejn tista' ssir din il-ġurnata. Qal li ħa jżommhom infurmati u jgħidilhom bid-data iktar il-quddiem.

Kulħadd qabel.

## 17.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

17.4.1 Dr. Helen Cassar

- Saqsiet fuq il-bye-law tal-Istazzjon u li xtaqet kopja tagħha. Din se tintbagħtilha.

Paul Ciantar

- Saqsa fuq il-*bus stop* ta' Santa Katerina. Is-Sur Cordina qal li għadhom għaddejjin jiddiskutu fuq post alternattiv għal dan il-*bus stop*.
- Ressaq ilment fuq talba għal mera fi Triq l-Imdina fejn hemm l-entratura tal-Alfaran minħabba li perikoluż toħroġ minn hemm. Se tintbagħat talba biex issir mera ħabba l-ħruġ minn dan is-sit.
- Saqsa jistax isir xi ħaġa biex ma jibqawx ħerġin minn Triq Sant'Anton għal mar-*roundabout* għax qed jibqgħu ħerġin. Għandha ssir tabella ħdejn l-i*stop sign* biex forsi jarawha u jieqfu.
- Talab spjega fuq il-proċedura biex issiru *double yellow line.* Din ġiet spjegata lilu.

- Qal li ġie avviċinat minn *Jalies u Saracino's* biex issir struttura fissa għar-reċipjenti tal-iskart minħabba li n-nies qed jitfgħu l-iskart fihom. Is-Sur Cordina qal li le ma ssir l-ebda struttura, sempliċiment isirhom katnazz u ċ-ċavetta tingħata lill-kuntrattur tagħhom. Qal li Infrastruttura Malta ukoll għandhom problema bihom wara li hemm propost proġett ta' miljun ewro ġol Pjazza.

17.4.2 Dr. Ralph Cassar

- Irrimarka fuq iż-żbir ta' siġar u l-parkeġġ fi Triq Victor Vassallo u kull darba li jgħaddi minn hemm bil-karozzi pparkjati fuq il-bankina u meta marru biex jinżergħu is-siġar dawn ma ħallewhomx. Jidher ċar li qed isir abbuż għax ġaladarba hemm triq pubblika il-bankina parti minnha u hi pubblika wkoll.
- Qal li fuq nota pożittiva meta sar tfiegħ ta' skart f' Wied Irmiedi l-ERA kienu preżenti u mmultaw persuna filwaqt li kellu jiġbru dak il-ħin stess.
  Qal li xtaq jagħmel dawn iż-żewġ punti biex juri l-frustrazzjoni tiegħu fuq l-abbuż u l-fatt li kulħadd jagħmel li jrid.

  Is-Sur Cordina qal li jifhmu perfettament u talab li tinkiteb u titniżżel dak li ħa jgħid b'responsabbiltà, li la l-Gvern u lanqas l-Oppożizzjoni m'għandhom interess fil-Kunsilli. Qal biex tasal biex issir attività tal-massa f'Ta' Qali u l-Pulizija jwaħħlu fil-Kunsill Lokali meta dawn l-attivitajiet ma jirrekjedux permess mill-Kunsill imma *no objection*.

  Is-Sinjorina Nicole Portelli qalet li saret diffiċli tiffaċċja n-nies għax qas tkun taf x'sa taqbad tgħidilhom meta dawn ma jkunux taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill.

  L-Avukat Caruana qalet li Summerdaze kienet xi ħaġa fenomenali b'DJ iwerżaq u skont is-Sur Ciantar kaxxa nfernali wkoll fl-aħħar xi l-4 ta' filgħodu.

  Is-Sur Cordina qal li l-Ombudsman qallu biex ikomplu jilmentaw ħalli iktar ma jkollu iktar ikollu saħħa biex iressaq il-kummenti tiegħu fil-Parlament meta tipprova tgħaddi din il-liġi.

  Dr. Martin Musumeci daħal f'dan il-mument 6:24pm

  Qal li ġie ssuġġerit li ssir konferenza stampa bejn id-9 Kunsilli Lokali fuq biex issir pressjoni fuq il-Gvern ħa tidħol fis-seħħ din il-liġi.

- Irrimarka fuq il-*Community Police* li ħafna drabi ma jieħdux azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ħolqu sistema u ma tawhomx l-għodda. Is-Sindku qal li kien kellimhom fuq il-kiri ta' karozza biex tinkera bejn

it-tliet kunsilli imma lanqas fuq din ma waslu biex jiftehmu tant kemm ilhom idawwrulhom sistemi.

- Fakkar fuq FierAmbjent li mexjin jaħdmu fuqha li se tkun bażikament bħas-sena l-oħra bi ftit tibdil u fuq il-Community Gardening li talbuħ xi affarijiet żgħar imma mexjin ukoll.

Dr. Martin Musumeci

- Qal li fil-11 ta' Ottubru se ssir ġurnata sportiva, basketball, table tennis bejn id-9 u 1 ta' wara nofsinhar fl-ispazju miftuħ ta' Santa Katerina. L-għan ta' dan kollu hu li jiċċaqalqu n-nies anke b'sempliċi logħob li kienu jsiru fl-antik bħall-passju.

## 17.5 Rapporti

### 17.5.1 *Rapporti tal-Evalwazzjoni (Annessi mal-Minuti separatament)*

Is-Segretarju tat rendikont fuq iż-żewġ tender u qalet li fiż-żewġ każijiet dawn ingħataw lill-irħas offerent.

*Accountant*

Final Ranking of Administratively and Technically Compliant Tenders as follows

| Tender ID | Tenderer name | Financial offer after arithmetical correction (if applicable) (Euro) | Final Ranking |
|---|---|---|---|
| 000232519 | Cutajar Busuttil Accounting Ltd | 2950.00 | 1 |
| 000232914 | Reanda Malta Ltd | 3000.00 | 2 |
| 000233020 | Borg Galea Audit Limited | 3600.00 | 3 |
| 000233031 | Main Finance Limited | 3864.36 | 4 |
| 000232953 | Accounting and Management Team Limited | 4198.00 | 5 |
| 000233077 | Adrian P Sciberras | 4800.00 | 6 |
| 000232450 | Martina Minuti | 5880.00 | 7 |
| 000231681 | GCS Accounting Malta Limited | 6000.00 | 8 |

*Tindif ta' Culverts*

Final Ranking of Administratively and Technically Compliant Tenders as follows

| Tender ID | Tenderer name | Financial offer after arithmetical correction (if applicable) (Euro) | Final Ranking |
|---|---|---|---|
| 000229197 | Carmelo Gauci | 9500.00 | 1 |
| 000229198 | Christopher Bonello | 9900.00 | 2 |

Dawn ir-rapporti ġie approvati bit-tenders jingħataw l-irħas offerent.

## 17.6 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

17.6.1 ***Ġemellaġġ Pjazza Brembana***

Is-Sur Bartolo qal li bagħat e-mail li ġiet ċirkulata lill-kulħadd. Qal li wara li ċċekkjaw fuq il-fondi disponibbli mal-SEM irriżulta li din il-*call* tiftaħ is-sena d-dieħla u jingħataw il-fondi is-sena ta' wara. Qal li ġaladarba hemm issa *commitment* hu jissuġġerixxi li jiġu vvutati €4000 fil-baġit. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li bħal kwalunkwe proġett ieħor jinstabu l-fondi u jsir. Is-Sur Cordina qal li se jipprova jġib il-fondi mir-Reġjun.

17.6.2 Jum Ħ'Attard

Is-Sur Bartolo qal li tkellem mas-Surmast u saqsa lis-Sindku biex issir laqgħa miegħu sabiex ikun jista' jsib il-bandisti, jipprepara programm u jara x'kantanti jistgħu jinġabu. Dr. Musumeci saqsa jekk jinġabu 4 bandisti u 10 l-istess. Is-Sur Bartolo qal li mhux il-kwantità imma t-tip ta' bandisti u skont it-tip ta' mużika.

Is-Sur Cordina qal li meta ħareġ l-irxoxt ġabu banda żgħira imma ovvjament għalkemm kienet tajba Jum Ħ'Attard hu xorta oħra.

## 17.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti.

17.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ċ-ċedola fiha biss il-pagamenti ta' Settembru li ġew affettwati u wara li jgħaddu xi pagamenti għada, l-1 ta' Ottubru, ħa jibqa' *backlog* ta' €68,713,25 li jistgħu jitħallsu mill-fond tal-bank imma ma jivdalx allokazzjoni biżżejjed għat-tliet xhur li ġejjin.

Is-Sindku saqsa min jipproponi u min se jissekonda.
Proponent: Sur Paul Ciantar Sekondant: Sur John Bonnici

L-iskedi ġew approvati.

## 17.8 Mozzjonijiet; u

17.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

## 17.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

17.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.51pm u ġiet aġġornata għat-30 ta' Settembru 2025 fil-5.30pm

Konfermati illum, 28 ta' Ottubru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Stefan Cordina | Marica Mifsud Mintoff |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |